# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 545/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**SC**

**U**

**SS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' SC u SS datat 10 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986) gewwa l-Peace Lab, f'Hal Far, limiti taz-Zurrieq u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, MA, li llum ghandu X sena, u JM, li llum, ghandha Y-il sena (vide Dok B1 u Dok B2).*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni redatt min-Nutar Dottor Rachel Busuttil datat id-disgha u ghoxrin (29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009), kopja ta' liema jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok C.*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe*

*hlas ta' manteniment jew spejjez ohra, b'dan illi r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda arretrati dovuti fir-rigward ta' manteniment jew spejjez ohra dovuti ai termini tal-klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi.*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma legalment separati minn xulxin, huma ilhom snin jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hwn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ottjeniment ta' divorzju skond l-*Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal- *Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi qed tigi annessi mar-rikors odjern affidavits tal-partijiet, hawn annessi u mmarkat bhala Dok D1 u Dok D2.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reigstru Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 10 ta' Jannar 2021;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SC xehdet** (vide affidavit fol 19) illi in  segwitu taz-zwieg taghhom fl-1986, l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil nhar id-29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009),  Xehdet illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**SS xehed** (vide affidavit fol 20) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-14 ta' Dicembru 1986, liema zwieg jgib certifikat numru 2284/1986 Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil 29 ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgha (2009), (vide Dok. C fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2284/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**